MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 8

25 ta' Awwissu 2013

Minuti tas-seduta Nru. 8 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 26 ta' Awwissu 2013

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha, minbarra l-Kunsillier H. Fenech li kien imsiefer.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 7, mingħajr emendi, kif wkoll talab li l-istess minuti jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Ġbir tal-iskart reċiklabbli – Dawret it-Tunnara (K/6/11)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li wara illi tneħħew fdalijiet ta' annimal mejjet minn fejn il-*bring-in site* ta' Dawret it-Tunnara, huwa ta struzzjonijiet sabiex din titneħħa temporanjament. Billi l-każ spiċċa fuq il-media, Green MT Ltd ħarġet stqarrijiet għall-istampa biex tispjega x'ġara, filwaqt li ddeskriviet it-tip ta' servizz li qed toffri fil-Mellieħa.

2.1.3. Issemma wkoll li l-*bring-in site* li hemm fejn il-*Guard Room* tal-Kamp f'Għajn Tuffieħa qed tiġi abbużata bl-istess mod.

2.1.4. Il-Viċi Sindku ppropona li din tiġi trasferita għal Triq il-Wilġa, ma' ġenb il-pompa tad-drenaġġ, fejn hemm daħla u l-post huwa mdawwal matul il-lejl.

2.1.5. Is-Sindku fakkar li din il-*bring-in site*, sa ftit żmien qabel kienet quddiem il-Knisja tal-Manikata. Huwa qal li minkejja li saru dawn l-abbużi, ma jaqbilx li għandha titneħħa minn hemm, peress li aktar ċaqlieq iqanqal aktar ilmenti mir-residenti.

2.1.6. Billi l-Kunsill ma wasalx għal deċiżjoni finali, kien hemm qbil li s-suġġett għandu jiġi diskuss mill-ġdid mas-Sotto-Kumitat Manikata.

## 2.2.1. PA 1302/06; PA 1927/06; PA 2761/06 - Żvilupp tal-Barrieri f'Ta' Masrija (P/5/1/Vol III)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fit-12 ta' Awwissu 2013 ingħatat preżentazzjoni mill-Perit Stephen Farrugia, mgħejjun mill-Perit Melissa Giordmaina, dwar l-iżvilupp propost fl-areas A u B fil-barrieri Ta' Masrija. Fl-istess laqgħa kien hemm preżenti s-sidien tal-art, is-Sinjuri Sandro Chetcuti u Francis Gauci. Attendew ukoll il-membri mill-Kumitat ta' Azzjoni kompost mir-residenti.

2.2.3. Fl-istess laqgħa ġie spjegat li l-proposta kif ġiet mibdula mill-iżviluppaturi tinvolvi l-istess għoli permess għal dik iż-żona f'Ta' Masrija, ossija *semi-basement*, tliet sulari u *penthouse* rtirata. Il-proposta tinvolvi wkoll l-applikazzjoni parzjali tal-*floor-area-ratio* billi mhux ser tinbena blokka waħda sħiħa. Għalhekk ser ikun hemm spażji vojta bejn il-blokki, filwaqt li dawn ser jiġu rtirati mil-linja tat-triq f'distanza ta' aktar mid-doppju tal-wisa' tat-triq bil-għan li tinħoloq *buffer.* Is-Sindku aċċenna għall-fatt illi l-applikazzjoni għadha fl-istadju ta' *outline*, li hekk kif din tiġi approvata, tinqaleb għal *full application*, fejn il-MEPA tidħol fl-aspetti kollha li jinvolvi dan l-iżvilupp. Ikkummenta wkoll li mill-mistoqsijiet u r-rejazzjoni tal-Kumitat ta' Azzjoni jidher li ntlaħaq kompromess ġust għall-partijiet kollha.

2.2.4. Il-Kunsillier J. Attard ikkummenta li għalkemm il-membri tal-kumitat dehru li m'humiex qed joġġezzjonaw wara l-preżentazzjoni, fl-opinjoni tiegħu ma' jfissirx li qablu ma' kollox.

2.2.5. Is-Sindku wieġeb li minn kif ġew spjegati l-affarijiet, partikularment f'dak li huwa għoli tal-bini, kull parti ser ikollha l-istess limitu u għalhekk huwa diffiċli li wieħed jottjeni aktar minn hekk.

## 2.3.1. Proċess ta' konsultazzjoni dwar l-Pjan Lokali (P/5/1/Vol III)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 13.1. tas-seduta preċedenti u aċċenna li s-seminar illi sar fil-Mellieħa Holiday Centre, nhar is-sibt 24 ta' Awwissu 2013 ħalla riżultati tajbin ħafna billi ħarġu diversi punti li għandhom jiġu trattati fil-Pjan Lokali, kif ukoll oħrajn li għandhom jitneħħew. Is-Sur J. Buttigieg qal illi l-interventi li saru mill-konsulenti Adi Associates kienu strumentali biex għenu lill-parteċipanti jressqu l-proposti tagħhom. Huwa għarraf lill-Kunsill ukoll li l-mistiedna Gordon Cordina, Silvia Gauci, Anna Borg u Nicholas Vassallo talbu li jiġu skużati minħabba npenji oħra.

2.3.3. Is-Sur J. Buttigieg stqarr li fost il-materji li ma tqajjmux fis-seminar, iżda li jemmen illi għandhom jiġu trattati, hemm:

- Dikjarazzjoni ta' art fi Triq l-Għerien bhala waħda 'l barra miż-żona tal-iżvilupp (ODZ);
- Restrizzjoni fuq il-bini ta' aktar *boathouses* fix-Xatt ta' Santa Marija bejn ix-xatt u dawk eżistenti;
- Faċilitajiet għall-ħażna ta' opri tal-baħar fl-art li tinsab fl-Għadira bejn il-Costa del Sol Lido u l-Mellieha Bay Hotel; u
- Tneħħija ta' artijiet mill-iskema tal-izvilupp minn Tas-Sellum u rijallokazzjoni tagħhom f'inħawi oħra.

2.3.4. Is-Sindku kompla jipproponi l-fażi li jmiss f'dik li hija konsultazzjoni, billi ssir attivita` fejn dawk mistiedna jkollhom l-opportunita` jesprimu rwieħom bil-kitba fuq *boards* apposta, dwar id-diversi aspetti tal-Pjan Lokali. Huwa ppropona li din issir nhar l-Erbgħa 9 ta' Settembru 2013 fis-Sala tal-Komunita`, fejn għandhom jattendu l-konsulenti inkarigati mill-Kunsill biex jwieġbu ndividwalment il-mistoqsijiet li jsiru mill-pubbliku. Is-Sur J. Buttigieg qal li huwa jirrakkomanda din it-tip ta' konsultazzjoni u mhux laqgħa pubblika, sabiex ħadd ma jiddomina l-istess laqgħa b'xi *issue* jew oħra, filwaqt li jitħallew barra oħrajn.

2.3.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa mis-Sindku u ddeċieda li tintbagħat stedina lill-għaqdiet tal-lokalita` u *stakeholders* oħra.

**2.4.1. Pubblikazzjoni – *Wartime Mellieħa – The Role of the Village in the Second World War* (P/3/5)**

2.4.2. Saret referenza għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti, sabiex il-Kunsill ġie mgħarraf li saret is-sejħa għall-istimi, li ser tagħlaq fis-6 ta' Settembru 2013.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1. Iljieli Melleħin 2013 (A/5/3/5/Vol V)**

2.5.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 15.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li mir-rispons li kien hemm min-nies, jidher li l-Iljieli Melleħin 2013 kienu suċċess, li magħhom ġabu numru kbir ta' turisti u Maltin, li ssarraf f'kummerċ tajjeb, mhux biss għall-postijiet ta' divertiment, imma ħwienet oħra li fetħu bejn is-16 u t-18 ta' Awwissu.

2.5.3. Is-Sur C. Bartolo kkummenta li din l-edizzjoni kienet ikkaratterizza bit-tkabbir tal-area li soltu tkun involuta fl-Iljieli Melleħin, bl-inklużjoni tal-parti ta' barra ta' Triq il-Kbira. Huwa qal li l-għeluq ta' din it-triq ġab effettivi pożittivi anke għall-istabbilimenti ta' divertiment, partikularment bis-*Sound Competition* li ttellgħet fl-istess triq. Il-kompetizzjoni tal-*offroading* kellha tiġi trasferita għall-art li tiġi bejn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, Triq Ħalq iċ-Ċawl u Triq il-Fortizza, peress li kien hemm ilmenti minn operaturi ta' negozji oħra dwar it-tqegħid tal-blokki tal-konkos fil-parkeġġ li hemm fi Triq il-Kbira, bejn Triq Għajn Żejtuna u Triq ix-Xagħra Ta' Barra. Kummenti oħra li kien hemm, kienu jikkonċernaw il-wirja tat-trakkijiet li saret fi Triq Ġorġ Borg Olivier, billi ġie propost li dawn jinżlu aktar 'l isfel sabiex ma jkunux qrib wisq l-imwejjed u siġġijiet li tqiegħdu fl-istess triq, kif ukoll fuq il-pont ta' Triq Adenau.

2.5.4. Il-Viċi Sindku qal ukoll li sas-seduta li jmiss huwa jkun f'posizzjoni li jressaq rendikont finanzjarju tal-attivitajiet li saru.

2.5.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li t-tħejjijiet għall-edizzjoni Iljieli Melleħin 2014 diġa bdew billi saret applikazzjoni għall-fondi taħt il-*Programm Europe for Citizens* tal-Unjoni Ewropeja, li permezz tagħhom ikun jista' jseħħ proġett li jinvolvi t-tliet lokalitajiet ġemellati mal-Mellieħa (Adenau, Cavriglia u Agia Napa), kif ukoll dawk ta' Vecipiebalgas fil-Latvia, Cugir fir-Rumania, Casalborgone, u Acquaviva delle Fonti fir-reġun Taljan fil-Puglia. L-edizzjoni 2014 hija skedata li sseħħ fit-8, 9 u 10 ta' Awwissu 2014.

**2.6.1. *European Mobility Week – Car Free Day* 2013 (A/4/5/Vol II)**

2.6.2. Il-Kunsillier D. Vella rrefera għall-minuta 4.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li tressqet applikazzjoni mal-MEPA skont il-programm mitfiehem.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1 Tindif fl-inħawi tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1)**

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 15.4. tas-seduta preċedenti dwar tindif volontarju li sar fl-okkażjoni tal-Iljieli Mellehin fis-17 ta' Awwissu 2013, fir-Ramla tat-Torri l-Abjad. Huwa qal li għal din l-attivita` attenda wkoll l-Onor Leo Brincat – Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima. Is-Sur J. Buttigieg qal li minn dak li ra, jeħtieġ li jinqata' l-ħaxix li hemm fit-toroq u jitneħħa terrapien li nġieb hemm b'mod abbużiv. Huwa ppropona wkoll li t-torri għandu jiġi mdawwar b'*wire netting* sabiex ma jkomplix jiġi vandalizzat.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel mal-proposta tas-Sindku.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 26/08/13;
- *Purchase Request Form* dwar il-Proġett tal-*Heritage Trail* f'Selmun – 26/08/13;
- Skeda ta' Xiri permezz tal-*Petty Cash* – 03/08/13 – 13/08/13;
- Skeda ta' Pagamenti – 03/08/13 – 21/08/13;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 19/08/13;

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. PA 787/06 – Rijattivazzjoni tat-talba sabiex tingħata *beach concession* fl-Għadira (P/5/8/G)

4.1.2. Saret referenza għal ittra datata 12 ta' Awwissu 2013, mibgħuta mis-Sur Mario Darmanin u ndirizzata lill-MEPA, fejn qed itenni l-oġġezzjoni tiegħu għall-applikazzjoni li saret mill-Mellieħa Holiday Centre dwar l-iżvilupp ta' *beach concession* fil-parti ċentrali tal-bajja tal-Għadira.

4.1.3. Inġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill kien diġa għamel rappreżentazzjoni mal-MEPA dwar dan is-suġġett f'Ġunju 2006.

4.1.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jtenni l-posizzjoni tiegħu li ma jiżdiedux aktar permessi għall-*beach concessions*, filwaqt li kemm-il darba jingħata l-permess mitlub, ifisser li ma jkunx baqa' post fl-istess bajja fejn il-*barbecues* huma permessi.

### 4.2.1. Aċċessibilita` fil-latrini pubbliċi (L/3/Vol III)

4.2.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 17 ta' Awwissu 2013, fejn il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita` irreferiet għax-xogħol li sar fuq il-latrina pubblika tal-Għadira (Costa del Sol) u tablet li tispezzjoni l-post hekk kif jitlestew ix-xogħlijiet fuqha.

4.2.3. Il-Kummissjoni talbet ukoll sabiex tkun taf x'inhuma l-pjanijiet tal-Kunsill dwar it-titjib fl-aċċessibilita` għal-latrina ta' Misraħ ż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

4.2.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li jkun f'posizzjoni aħjar li jikkommetti ruħu fuq dawn il-mistoqsijiet meta jitfasslu l-estimi għas-sena finanzjarja 2014.

### 4.3.1. Rijabilitazzjoni tal-Wied Ta' Għajn Żejtuna (S/2/1)

4.3.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 26 ta' Awwissu 2013, mibgħut mill-Għaqda tar-Residenti ta' Santa Marija Estate dwar ix-xogħol volontarju li għaddej mill-membri tal-istess għaqda fil-Wied ta' Għajn Żejtuna. Is-Sindku spjega li x-xogħol wasal fi stadju fejn huwa meħtieġ li jinġieb fuq il-post ġebel tas-sejjieħ, kif ukoll titħammel ġiebja eżistenti. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-ġarr ta' ġebel tas-sejjieħ u t-tħammil ġie kkwotat minn kuntratturi differenti għal €708 u €944, rispettivament.

4.3.3. Il-Kunsill approva dawn l-ispejjeż, bil-kundizzjoni li ma jsirx aktar infieq fuq l-istess inizjattiva matul is-sena finanzjarja kurrenti, filwaqt li aktar kontribuzzjonijiet jiġu kkunsidrati skont il-mezzi finanzjarji disponibbli fl-2014.

**Comment [CD1]:**
Other contribution made during 2013
Tank €82.60
Mechanized cleaning €1156; €1121; €1062
Water up to 31/07/13 €240

Total €3662

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġew imessqa *Purchase Request Forms* datati 26 ta' Awwissu 2013 – waħda li turi xiri permezz fondi ordinarji tal-Kunsill, flimkien ma' oħra li turi nfieq relatat mal-proġett tal-*Heritage Trail* f'Selmun permezz ta' fondi Ewropej.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fiż-żewġ skedi.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet għal Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-3 u l-21 ta' Awwissu 2013.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li jkopru bejn it-3 u l-21 ta' Awwissu 2013.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskedi mressqa u għalhekk dawn ġew iffirmati. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 7.1. Sejħa għall-offerti b'rabta mal-Proġett PIM EnergEthica (P/10/22)

7.2. Is-Segretarju għarraf li saret is-sejħa għall-offerti Nru. 6/2013 dwar il-vijabilita` tal-ipproċessar tal-biomass għall-ġenerazzjoni tal-enerġija elettrika permezz ta' impjant pilota li jrid isir mill-WasteServ (Malta) Ltd. L-istess sejħa ġiet ippubblikata fl-20 ta'

Awwissu u tagħlaq fl-20 ta' Settembru 2013. Is-Segretarju spjega li din is-sejħa saret skont il-*Work Package* 3 kif speċifikat fil-formola tal-applikazzjoni dwar il-proġett.

7.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li saret sejħa numru 6/2013 għall-istimi sabiex jinkiseb servizz ta' uditur bil-għan li jivverifika t-talbiet għall-pagamenti relatati mal-proġett. Is-Segretarju spjega li dan is-servizz huwa rikjest skont kif provdut fin-*National Eligibility rules for Territorial Cooperation Programmes 2007-2013* u l-*Manual for the Report of Expenses* tal-istess programme. Is-sejha tagħlaq fil-5 ta' Settembru 2013.

7.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħed.

## 8.1. Stimi dwar servizz ta' Riċerka, Konsultazzjoni u Immaniġġjar ta' siti b'rabta mal-*Heritage Trail* fl-Selmun u fl-Imġiebaħ (P/10/3/Vol III)

8.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuti tat-*Tender Adjudication Board* tad-19 ta' Awwissu 2013, fejn ġew trattati iż-żewġ stimi li ġew reġistrati sad-data tal-għeluq.

8.3. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Bord u talab sabiex tinħareġ *purchase order* fuq l-offerent is-Sur Paul Mifsud.

## 9.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

**"Billi l-kuntratt illi jipprovdi għat-Tindif ta' Toroq Urbani skada fil-31 ta' Marzu 2013;**

**Billi saret sejħa għall-offerti (2/2013) skont l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 255 ta' l-2009, u fid-dawl tar-rakkomandazzjoni li saret mit-*Tender Adjudication Board*, fil-laqgħa li saret fit-3 ta' Awwissu 2013; u**

**Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2013 hemm ivvutata s-somma ta' €55,000;**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt ta' tliet snin, b'effett mill-1 ta' Settembru 2013, mal-offerent - Euro Clean Waste Services - li offra servizz ta' tindif mekkanizzat, mgħejjun b'mezzi manwali, bir-rata annwali li tvarja minn €42,840 fl-ewwel sena għal €44,340 fit-tielet sena.". (T/4/5/Vol IV)**

9.2. Is-Segretarju għarraf lill-Kunsill illi l-offerent Euro Clean Waste Services għarrfuħ verbalment li xtraw *mechanical sweeper* tat-tip Euro 5 mill-Ingilterra, liema *sweeper* ser jasal Malta ftit jiem oħra.

9.3. Il-Viċi Sindku ppropona li r-raba paragrafu tal-mozzjoni jiġi emendat biex jinqara:

**"Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt ta' tliet snin, b'effett mill-1 ta' Settembru 2013, mal-offerent - Euro Clean Waste Services - li offra servizz ta' tindif mekkanizzat, mgħejjun b'mezzi manwali, bir-rata annwali li tvarja minn €42,840 fl-ewwel sena għal €44,340 fit-tielet sena, bil-kundizzjoni li dan jiġi tterminat hekk kif jiġi rrappurtat li ma jkunx qed isir użu minn *mechanical sweeper*.".**

9.4. Il-mozzjoni tal-emenda ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Gauci.

9.5. Ir-riżoluzzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekonda mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 10.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

**"Billi fis-seduta tal-Kunsill Nru. 3 tat-13 ta' Mejju 2013 ġie deċiż li għandu jinkiseb servizz ta' kustodju għall-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ, li n-natura tax-xogħol tiegħu ġiet stabbilita` fl-istess seduta;**

**Billi saret sejħa għall-offerti (3/2013) skont l-Artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), ir-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 255 ta' l-2009, u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005);**

**Billi saret evalwazzjoni mit-*Tender Adjudication Board* li rrakkomanda sabiex l-offerent Joseph Grima jingħata l-kuntratt in kwistjoni, skont il-minuti tal-istess bord tat-3 ta' Awwissu 2013; u**

**Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2013 taħt il-vot tal-Parki u Ġonna (3061) hemm ivvutati fondi biżżejjed għas-servizz imsemmi;**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt ta' tliet snin b'effett mill-1 ta' Settembru 2013 mal-offerent Joseph Grima, li offra s-servizzi tiegħu bir-rati ndikati fid-dokument ta' l-offerta.". (P/4/6/1)**

10.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 11.1. Arranġamenti għall-Festa tal-Vitorja (F/2/Vol VII)

11.2. Is-Sindku għarraf li fid-19 ta' Awwissu 2013 saret il-laqgħa mal-Pulizija, fejn kien hemm preżenti l-Kappillan u l-għaqdiet involuti fl-organizzazzjoni tal-Festa tal-Vitorja. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-arranġamenti proposti mill-Kunsill ġew spjegati ġurnata b'ġurnata f'dak li huwa mmaniġġjar tat-traffiku u għeluq ta' toroq, skont il-programm tal-marċi ppreżentat mill-għaqdiet mużikali.

11.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fil-laqgħa msemmija sar emfasi mal-Pulizija sabiex il-bejjiegħa tal-qubbajt li jarmaw f'Misraħ il-Parroċċa jżommu mas-sinjali mmarkat mal-art. Kien hemm qbil ukoll li l-lukandi Maritim u Pergola għandhom jingħataw l-opportunita` jarmaw l-imwejjed u siġġijiet fis-7 u t-8 ta' Settembru.

11.4. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li din is-sena ġie propost li ma jsirx ipparkjar fi Triq San Pawl kollha fis-7 u s-6 ta' Settembru u parti minn Triq Ġnien Ingraw fis-7 ta' Settembru. Dan sabiex ikun hemm ħruġ ta' emergenza minn Triq San Pawl. Huwa mistenni li f'lejlet il-festa jinġemgħu ħafna nies fi TriqĠnien Ingraw minħabba li ser tittella' wirja ta' logħob tan-nar sinkronizzat mal-mużika.

11.5. Il-Kunsill qabel ukoll li bejn 6 u 8 ta' Settembru jinġiebu *mobile toilets* u jitpoġġew fi Triq l-Għollieqa, Triq Salvinu Vella (fejn iċ-ċimiterju), u fi Triq l-Inkurunazzjoni (fejn il-maħżen tal-knisja). Fil-każ tal-aħħar għandu jinġieb it-tielet wieħed għal persuni bi bżonnijiet speċjali.

11.6. Ġie deċiż ukoll li għandu jintalab is-servizz ta' ambulanza fis-7 u t-8 ta' Settembru li tkun ipparkjata fi Triq San Pawl. Il-Kunsill qabel li possibilment dan is-servizz għandu jintalab mingħand is-St John's Ambulance Brigade.

11.7. Is-Segretarju għarraf li sad-data tas-seduta, il-Pulizija kienu għadhom ma tawx indikazzjoni kemm jeħtieġu *personnel on extra duty* jew assistenza mill-Gwardjani Lokali.

11.8. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għal *e-mail* datat 23 ta' Awwissu 2013 mibgħut mis-Sinjorina Sabrina Mifsud Rapa sabiex toħloq *kids corner* waqt il-ġranet tal-festa.

11.9. Il-Kunsill innota li l-postijiet kollha allokati għall-kjoskijiet, *stands* eċċ huma kollha okkupati, filwaqt li kien tal-fehma li dan it-tip ta' logħob mhux kompatibbli ma' attivita` bħalma hija l-Festa tal-Vitorja.

11.10. Is-Sur C. Bartolo għarraf ukoll li saritlu talba mid-diriġenti tal-Għaqda Mużikali Imperial sabiex jarmaw *streamer* juri s-sit elettroniku tal-għaqda, fi Triq il-Kbira matul il-ġranet tal-festa.

11.11. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

11.12. Il-Viċi Sindku għarraf lill-Kunsill illi saret talba mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina sabiex jagħmlu użu mill-*billboard* li hemm fit-telgħa ta' Selmun, bil-għan li jimpromwovu l-wirjiet pirotekniċi li ser isiru fis-7 u t-8 ta' Settembru.

11.13. Il-Kunsill laqa' din it-talba.

## 12.1. Bankina fi Triq il-Parroċċa k/m Triq Sant' Elena (D/3/1/Vol V)

12.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf lill-Kunsill illi s-sid ta' dar f'Nru. 116, Triq il-Parroċċa lmentat miegħu li qed jidħol l-ilma tax-xita u jumda l-ħajt billi qed jidħol l-ilma tax-xita mill-bankina.

12.3. Il-Kunsill qabel li dan l-ilment għandu jiġi mgħoddi lill-*Contracts Manager* għall-parir tiegħu.

**Comment [CD2]:** Refer to Contract Manager. Sealing of cracks to be carried out by Works / Council personnel.

## 13.1. Attivita` mid-dilettanti tal-muturi (A/6/3/2 Vol 43)

13.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf lill-Kunsill illi huwa ġie kkuntattjat dwar attivita` ippjanata li sseħħ nhar il-Ġimgħa 30 ta' Awwissu 2013 minn dilettanti tal-muturi ġejjin mill-Forzi Armati, il-Pulizija, il-Protezzjoni Ċivili, mis-Sezzjoni Servizzi Korrettivi u mis-Servizzi tad-Detenzjoni. Is-Sur C. Bartolo qal li l-attivita` ser tibda mill-kwartieri tal-AFM f'Ħal Luqa u tintemm fi Triq Ġorġ Borg Olivier fil-Mellieħa. Għaldaqstant ikun meħtieġ li jiġi rriżervat spazzju għal madwar 60 mutur, fl-istess triq.

13.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jiġi riżervat spazju qrib Triq San Publiju / Triq Adenau, filwaqt li l-Pulizija tad-Disrett għandhom jiġu mgħarrfa sabiex ipoġġu t-tabelli meħtieġa.

## 14.1. Ikkampjar waqt l-istaġun tal-kaċċa fil-Ħarifa 2013 (K/3)(C/4/Vol III)

14.2. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li f'Settembru huwa mistenni li jiftaħ l-istaġun tal-kaċċa u staqsa jekk dan huwiex ser jaffettwa l-ħruġ tal-permessi għall-ikkampjar ġewwa l-Aħrax. Huwa fakkar li fl-istaġun preċedenti, il-ħruġ ta' permessi ġewwa l-Aħrax tar-Ramel, l-Aħrax tat-Tunnara, u l-Aħrax tal-Madonna kienu ġew sospiżi minħabba raġunijiet ta' sigurta`. Huwa fakkar li l-permessi kienu jingħataw biss fl-inħawi Tal-Qortin it-Twil fil-limiti tal-Armier. Is-Sur J. Buttigieg staqsa jekk għandhomx jiġu kkunsidrati postijiet alternattivi bħalma huma l-inħawi Tas-Sdieri.

14.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-inħawi Tas-Sdieri jinsabu fil-konfini tal-Proġett Foresta 2000, tant li l-aċċess bil-vetturi għalihom huwa kkontrollat permezz ta' xatba.

14.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jinżammu l-arranġamenti tas-sena ta' qabel, filwaqt li jsir kuntatt mal-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Mellieħa bil-għan li jiġi stabbilit il-perjodu li huwa l-aktar mfittex mill-kaċċaturi sabiex jiġu evitati restrizzjonijiet fuq l-ikkampjar, mingħajr ħtieġa.

## 15.1. Proġett ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol IV)

15.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie avviċinat mill-operatur ta' Manuel's Garage li jinsab f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, li lmenta miegħu illi l-Kunsill ma' żammx il-wiegħda li għamillu dwar it-twaħħil ta' tabella li tkun taqla 'il barra mill-faċċata tal-istess garaxx. Huwa talab ukoll li ssir katusa biex tieħu fiha l-pajp tal-*airconditioner* u oħra għall-*aerial* tat-*two way radio*. L-istess operatur ilmenta li qsari illi hemm madwar l-*area* fejn hemm l-imwejjed u s-siġġijiet quddiem il-Commando Bar tkabbret aktar milli hemm fil-permess. Dan bir-riżultat li l-garaxx m'għadux jidher mit-triq, liema abbuż qed iġib tnaqqis fin-negozju għall-garaxx.

15.3. Il-Kunsill kien tal-fehma l-katusa fis-sular li jiġi fuq Manuel's Garage tikkostitwixxi servitu` u għalhekk teħtieġ il-kunsens tas-sid.

15.4. Dwar l-infurzar tal-kundizzjonijiet imposti fil-permess tal-imwejjed u s-siġġijiet, il-Kunsill iddeċieda li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu sabiex isir spezzjoni fuq il-post.

**Comment [CD3]:** Charles.grech@visitmalta.com

## 16.1. Tmexxija tal-Park tal-Familja f'Ta' Ibraġ (P/4/6/1)

16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li xi ġenituri ġibdulha l-attenzjoni, li minkejja illi jeżistu numru ta' *playing fields*, ġonna pubbliċi u l-Park tal-Familja fil-Mellieħa, ftit hemm postijiet fejn jistgħu jilgħabu t-tfal. Dan għaliex twaħħlu tabelli li jipprojbixxu logħob tal-ballun, użu ta' *skateboards* u roti.

16.3. Is-Sindku kkummenta li ħafna drabi l-logħob tal-ballun jikkawża ħsara fil-pjanti li jkun hemm f'ġonna pubbliċi u *playing fields* fejn hemm is-*soft areas*.

16.4. Is-Sur C. Bartolo qabel mas-Sindku, iżda kkummenta li dan ma japplikax għall-park tal-familja fil-parti fejn hemm l-i*skateboard ramp*.

16.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa fil-minuta 16.3., filwaqt li kien tal-fehma li l-parti tal-Park tal-Familja fejn hemm l-iskateboard ramp għandha tkun eżentata mir-restrizzjonijiet indikati fil-minuta 16.2.

## 17.1. Proġett tal-*Cable Car* (P/4/32)

17.2. Is-Sindku rrefera għad-diversi artiklu li dehru fil-ġurnali wara li huwa ġie intervistat minn korrispondent tat-Times of Malta dwar il-proġett imsemmi, li kien inkluż fil-manifest elettorali tal-Partit Laburista ppubblikat qabel l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

17.3. Is-Sur Buttigieg ikkummenta li sfortunatament, fil-ġurnali ngħatat l-impressjoni li l-Kunsill Lokali ser jidħol għal dan il-proġett bil-mezzi finanzjarji tiegħu. Kompla jgħid li dan ċertament ma jistax ikun il-każ għas-sempliċi raġuni li dawn ma jwasslux biex jitwettaq u jitħaddem il-proġett. Huwa dehrlu li għandu jsemmiħ bil-għan li jista' ikun hemm interessi privati li jitħajru jinvestu fiħ, jew isir xi forma ta' *private public partnership*. Fi kwalunkwe` każ, jeħtieġ isiru l-istudji minn qabel sabiex wieħed ikun jista' jistabilixxi jekk il-proġett huwiex vijabbli jew le.

17.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 18.1. Attivita` mid-dilettanti tal-muturi (A/6/3/1 Vol 82)

18.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li l-operatur ta' Billy's Bar & Restaurant għarrfu li fil-15 ta' Settembru 2013 ser jospita` fl-istabbiliment tiegħu attivita` mid-dilettanti tal-muturi. Għalhekk jeħtieġ spażju fi Triq l-Għoljiet sabiex jipparkjaw l-istess muturi. Huwa għalhekk talab li Triq l-Għoljiet tingħalaq għat-traffiku, bejn Triq in-Naħal u Triq l-Etna.

18.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni, bil-kundizzjoni li jinġieb Gwardjan Lokali bil-għan li jissorvelja l-ħruġ ta' vetturi minn Triq in-Naħal direttament għal Triq il-Kbira.

## 19.1. Art konfinanti minn Triq l-Etna, Triq Mons. Frangisk Xuereb u Triq in-Nahal (P/4/27)

19.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għas-sejħa li saret għall-proposti dwar l-iżvilupp tas-sit imsemmi għal skopijiet ta' rikrejazzjoni. Kompla jgħid li sad-data tal-għeluq kienu daħlu tliet proposti.

19.3. Is-Segretarju għarraf li l-Għaqda Soċjali 8 ta' Settembru għamlet numru ta' proposti permezz ta' ittra datata 5 ta' Awwissu 2013.

19.4. Is-Sindku qal li huwa ppropona lill-Kunsill Pastorali Parrokkjali sabiex il-Kurja tgħaddi l-art lill-Kunsill Lokali bil-għan li jiżviluppaha għall-iskop imsemmi, skont kif stabbilit fil-Pjan Lokali. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li huwa nfurmat li l-Kunsill Pastorali Parrokkjali kiteb lill-Kurja fejn irrakkomanda l-proposta tal-Kunsill Lokali.

19.5. Il-Kunsill innota l-iżviluppi li kien hemm dwar din il-materja.

## 20.1. PA 2116/13 – Bini ta' kumpless fuq art konfinanti minn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, Triq in-Nases u Triq il-Fortizza P/5/8/Z

Comment [CD4]: To demolish existing premises, to construct underground parking spaces, supermarket on three floors (including Stores), proposed cafeteria [class 6] at ground floor, 18 apartments at first and second floor,5 penthouse , proposed sign and proposed LPG bulk storage.

20.2. Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għal applikazzjoni li saret lill-MEPA sabiex fis-sit fejn attwalment mibni l-kumpless tal-Belleview, jitwaqqa' sabiex isir parkeġġ taħt l-art, *supermarket* u kafetterija fil-livell tat-triq, tmintax-il appartament fl-ewwel sular u hames penthouses fit-tieni sular.

20.2. Il-Kunsill talab li jara l-pjanti tal-kumpless propost.

## 21.1. Attivita` fl-okkażjoni tal-Festa fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol VII)

21.2. Il-Kunsillier J. Attard ippropona li l-Kunsill jagħti l-kontribut tiegħu għall-festin li jsir ta' kull sena għal ħabta tal-Festa tal-Vitorja, fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Huwa qal li dan ser isir fil-5 ta' Settembru 2013.

21.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 22.1. Servizzi tas-Saħħa fil-Komunita` (M/8/Vol V)

22.2. Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi huwa flimkien mal-Kunsillier J. Attard attendew seminar fid-19 ta' Awwissu 2013, organizzat bejn il-Ministeru tas-Saħħa, is-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Is-

Seminar kien indirizzat mill-Ministru l-Onor. Godfrey Farrugia u s-Segretarju Parlamentari l-Onor. Hose` Herrera. Tħabbar li l-Gvern għandu l-intenzjoni li uħud mis-servizzi li attwalment qed jingħataw miċ-Ċentri tas-Saħħa jibdew jingħataw fil-Bereġ li jeżistu fil-lokalitajiet bl-involviment tal-Kunsilli Lokali.

22.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 23.1. Sistema tad-drenaġġ f'Santa Marija Estate (D/1/Vol II)

23.2. Il-Kunsillier J. Gauci rrefera għall-punt li huwa kien qajjem fis-Seduta Nru. 2 tas-17 ta' April 2013 u dik Nru. 5 tal-25 ta' Ġunju 2013 dwar l-ispralli tad-drenaġġ illi hemm bejn qtajja' numri 221 u 222. Huwa qal li minkejja rappreżentazzjonijiet li saru mill-Kunsill, jidher li għandu ma sar xejn fuq il-post.

23.3. Is-Segretarju qal li fis-16 ta' Mejju 2013 saru rappreżentazzjonijiet mad-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali bil-għan li ssir pressjoni fuq il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni.

23.4. Il-Kunsill qabel li għandha tkompli ssir pressjoni fuq id-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali bil-għan li ttieħed azzjoni min-naħa tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

**Comment [CD5]:** Ittra lis-Sanita`

## 24.1. Ilma tax-xita fi Triq Għajn Żejtuna (D/3/1/Vol V)

24.2. Il-Kunsillier J. Gauci ppropona sabiex titbaxxa l-bankina fi Triq Għajn Żejtuna, fuq in-naħa tal-wied, fil-parti bejn Triq in-Nixxiegħa u Triq il-Qasab. Dan bil-għan li l-ilma tax-xita li jinżel imur direttament fil-wied minflok li jibqa' nieżel fi Triq Għajn Żejtuna.

24.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta, sakemm l-ilma ma jikkawżax problemi fi proprjeta` privata.

## 25.1. Għaram tar-ramel fil-Bajja tat-Torri l-Abjad (P/5/8/S)

25.2. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li attwalment l-għaram tar-ramel qed isirilhom ħsara peress li jiġu pparkjati vetturi fuqhom.

25.3. Is-Sur J. Buttigieg ppropona li jerġa jsir il-*wire rope* u *bollards* li kienu saru xi snin ilu.

25.4. Is-Segretarju fakkar li dan ix-xogħol kien sar mill-MEPA bl-involviment tan-Nature Trust, permezz ta' finanzjament mill-*Environmental Initiatives in Partnership (EIPP).*

**Comment [CD6]:** Letter to MEPA

25.5. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-MEPA sabiex jerġa jsir il-*wire rope* u *bollards* li kien hemm qabel.

## 26.1. Andament ta' AvventuraSajf 2013 (E/3/4/Vol VIII)

26.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini fakkret li AvventuraSajf ser tiġi fi tmiemha fl-4 ta' Settembru 2013. Hija ppproponiet lill-Kunsill sabiex l-għalliema, *learning support assistants* u *helpers* jingħataw ikla bhala rikonoxximent għas-servizzi mogħtija minnhom. Hija qalet li dan ser ikun possibbli permezz ta' *voucher* ta' €200 mogħtija mis-Solana Hotel.

26.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Seduta spiċċat fil-11.30pm u ġiet aġġornata għat-30 ta' Settembru 2013 fis-6.30pm

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**